IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 16.12.2025
COM(2025) 995 final

2025/0420 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 fir-rigward tal-istandards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO2 għal vetturi ħfief ġodda u għat-tikkettar tal-vetturi u li jħassar id-Direttiva 1999/94/KE

{SEC(2025) 995 final} - {SWD(2025) 1057 final} - {SWD(2025) 1058 final} - {SWD(2025) 1059 final}

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-UE tirrikonoxxi t-tibdil fil-klima bħala theddida eżistenzjali marbuta mill-qrib mas-sigurtà globali, mal-paċi u mal-iżvilupp sostenibbli. L-indirizzar tat-tibdil fil-klima huwa opportunità biex jissaħħu l-kompetittività u l-indipendenza tal-UE fl-istess ħin. L-UE impenjat ruħha li tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fl-ekonomija kollha tagħha b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-1990, u li sal-2050 tilħaq in-newtralità klimatika. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll emenda għal-Liġi Ewropea dwar il-Klima li tinkorpora l-mira tal-2040 ta' tnaqqis ta' 90 %[1]. Kemm il-Kunsill kif ukoll il-Parlament Ewropew stabbilew il-pożizzjonijiet tagħhom dwar il-fajl, li bħalissa jinsab f'kodeċiżjoni.

Il-politiki ta' dekarbonizzazzjoni huma xprunatur b'saħħtu tat-tkabbir meta jkunu integrati sew mal-politiki industrijali, tal-kompetizzjoni, ekonomiċi u kummerċjali, kif spjegat fil-Boxxla għall-Kompetittività[2] u fil-Patt għal Industrija Nadifa[3].

It-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 mit-trasport bit-triq huwa indispensabbli biex tintlaħaq in-newtralità klimatika. Fl-2023, dawn kienu jirrappreżentaw madwar 30 % tal-emissjonijiet netti globali tas-CO_2 tal-UE (u 24 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra) u għadhom ogħla milli kienu fl-1990.

Ir-Regolament li jistabbilixxi standards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 għal karozzi ġodda tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief (vannijiet)[4] huwa element essenzjali tal-ġabra ta' miżuri tal-UE mmirati biex tinkiseb id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq. Dan jiggwida tranżizzjoni gradwali lejn vetturi b'emissjonijiet żero u jipprovdi ċertezza u prevedibbiltà fit-tul għall-investituri tul il-katina tal-valur, filwaqt li jippermetti ż-żmien meħtieġ għall-eżekuzzjoni għal tranżizzjoni ġusta.

Is-settur awtomobilistiku tal-UE jammonta għal EUR 1 triljun tal-Prodott Gross Domestiku (PDG) u għal terz tal-investiment privat fir-riċerka u l-iżvilupp fl-UE. Dan jipprovdi impjieg dirett u indirett fil-manifattura lil tliet miljun Ewropew. Is-settur bħalissa għaddej minn trasformazzjoni globali u strutturali, relatata mat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u mat-tranżizzjoni diġitali, u qiegħed jiffaċċja sfidi serji ta' kompetittività.

F'Jannar 2025, il-Kummissjoni stabbiliet djalogu strateġiku mas-settur biex tindirizza dawk l-isfidi u biex tfassal strateġiji u soluzzjonijiet konkreti biex tiżgura li din l-industrija ewlenija jkollha futur solidu fl-Ewropa. Dan wassal għall-Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku Ewropew[5], li jistabbilixxi miżuri konkreti biex jgħin jiżgura l-kompetittività globali tal-industrija awtomobilistika tal-UE u jżomm bażi ta' produzzjoni Ewropea

---

1 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1119 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika, COM(2025) 524 final, 2.7.2025.

2 Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni: Boxxla għall-Kompetittività tal-UE, COM(2025) 30 final, 29.1.2025;

3 Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni: Il-Patt għal Industrija Nadifa — Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni, COM(2025) 85 final, 26.2.2025

4 Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO_2 tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011, ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13.

5 Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni: Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku Ewropew, COM(2025) 95 final, 5.3.2025.

b'saħħitha permezz ta' azzjoni f'ħames oqsma ewlenin: 1) l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, 2) il-mobbiltà nadifa, 3) il-kompetittività u r-reżiljenza tal-katina tal-provvista, 4) il-ħiliet u d-dimensjoni soċjali, u 5) il-kundizzjonijiet ekwi u l-ambjent tan-negozju.

Biex jilħaq l-objettivi tiegħu, il-Pjan ta' Azzjoni jintroduċi madwar 50 azzjoni ewlenija. Dawn jinkludu r-rieżami tar-Regolament li jistabbilixxi standards tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-karozzi tal-passiġġieri u għall-vannijiet u r-rieżami tad-Direttiva dwar it-Tikkettar tal-Karozzi[6], biex tittejjeb l-informazzjoni għall-konsumaturi u biex jiġu ffaċilitati għażliet sostenibbli f'konformità mal-objettivi klimatiċi u ambjentali tal-UE.

Hekk kif il-miri tal-emissjonijiet tas-CO_2 stabbiliti fir-Regolament isiru aktar stretti maż-żmien, il-konformità teħtieġ użu dejjem akbar ta' vetturi b'emissjonijiet żero peress li l-mezzi eżistenti l-oħra għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 għandhom biss impatt limitat u waħedhom ma humiex biżżejjed biex jintlaħqu l-miri kurrenti u futuri tas-CO_2. Filwaqt li huwa essenzjali li l-miri jkomplu jinċentivaw it-tranżizzjoni lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero u joħolqu ċertezza u prevedibbiltà għall-investimenti, nuqqas ta' flessibbiltà fiċ-ċiklu ta' konformità flimkien ma' bidliet sinifikanti fis-sitwazzjoni ekonomika u regolatorja globali jistgħu joħolqu riskju ta' nuqqas ta' konformità għall-manifatturi tal-vetturi.

In-newtralità teknoloġika jeħtieġ li tissaħħaħ, peress li l-qafas leġiżlattiv kurrenti jirriskja li jillimita l-innovazzjoni u l-iżvilupp kontinwi ta' teknoloġiji għajr sistemi tal-motopropulsjoni b'emissjonijiet żero, li jistgħu jkunu utli għal każijiet ta' użu speċifiku u/jew għal fażi tranżizzjonali. Minħabba l-ostakli għall-varar ta' vannijiet b'emissjonijiet żero, li joħolqu nuqqas ta' domanda fuq perjodu ta' żmien qasir, il-manifatturi ta' vetturi kummerċjali ħfief jiffaċċjaw sfidi partikolari. Biex tittejjeb kemm il-kompetittività kif ukoll is-sostenibbiltà tas-settur awtomobilistiku Ewropew, huwa xieraq li jiġi inċentivat l-iżvilupp ta' karozzi elettriċi żgħar magħmula fl-UE billi jiġu pprovduti inċentivi ddedikati.

Hemm ukoll il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-konsumaturi jirċievu informazzjoni ċara u armonizzata dwar il-prestazzjoni ambjentali ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri, kif ukoll ta' karozzi mibjugħa fis-suq tal-oġġetti użati mill-bejjiegħa bl-imnut. Dan għandu jkopri t-tikkettar tat-tipi kollha ta' karozzi, inklużi vetturi b'emissjonijiet żero, li għandu jiffaċilita deċiżjonijiet informati ta' xiri u jappoġġa t-tranżizzjoni lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero.

F'dan il-kuntest, il-proposta għandha l-għan li tipprovdi approċċ aktar flessibbli u newtrali għat-teknoloġija, filwaqt li tqis l-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq, u tibqa' fit-triq tan-newtralità klimatika u żżomm il-prevedibbiltà għall-manifatturi u għall-investituri fi tranżizzjoni ġusta lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero. Din tipprevedi miżuri:

(1) li jintroduċu aktar flessibbiltajiet għall-manifatturi biex jilħqu l-miri tas-CO_2 tagħhom;

(2) li jsaħħu n-newtralità teknoloġika tal-istandards tal-emissjonijiet tas-CO_2;

(3) li jżommu l-kontribut tal-istandards tas-CO_2 lejn il-miri klimatiċi stabbiliti fil-Liġi tal-UE dwar il-Klima;

(4) li jżommu ċ-ċertezza u l-prevedibbiltà għall-manifatturi u għall-investituri fil-katina tal-valur tal-mobbiltà b'emissjonijiet żero;

[6] Id-Direttiva 1999/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 relatata mad-disponibilità ta' tagħrif għall-konsumatur dwar l-ekonomija tal-karburanti u emissjonijiet tas-CO_2 rigward il-marketing ta' karozzi tal-passiġġieri ġodda ĠU L 12, 18.1.2000, p. 16.

(5) ta’ servizz aħjar lix-xerrejja potenzjali ta’ vetturi b’emissjonijiet żero billi dawn jiġu pprovduti b’informazzjoni adegwata, u konsegwentament tiġi appoġġata l-konformità tal-manifatturi mal-istandards tas-CO_2.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika kkonċernat**

Il-proposta hija konsistenti mal-objettivi tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, kif meħtieġ mill-Artikolu 6(4) ta’ dak ir-Regolament. Il-proposta hija allinjata ma’ politiki oħra tal-UE dwar il-klima, l-enerġija u t-trasport, inklużi:

– ir-Regolament (UE) 2023/1804, li jiżgura infrastruttura adegwata ta’ fjuwils alternattivi madwar l-UE, appoġġata mill-Faċilità għall-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi (AFIF, Alternative Fuels Infrastructure Facility) għall-proġetti ta’ rriċarġjar. il-Pjan ta’ Azzjoni tal-UE għall-Grilji u l-Leġiżlazzjoni li ġejja dwar il-modernizzazzjoni tal-grilja għandhom l-għan li jintegraw l-elettromobbiltà b’mod effiċjenti, filwaqt li l-Pjan ta’ Azzjoni għall-Enerġija Affordabbli jfittex li jnaqqas il-kostijiet tal-irriċarġjar. Proposta dwar id-dekarbonizzazzjoni tal-flotta korporattiva se żżid id-domanda għal vetturi b’emissjonijiet żero.

– Ir-Regolament dwar il-Materja Prima Kritika (CRM, Critical Raw Materials) li jrawwem katina tal-valur sostenibbli tal-batteriji, bi proġetti strateġiċi approvati biex jiżguraw il-provvista tal-materja prima. L-Att dwar l-Industrija b’Emissjonijiet Żero Netti jsaħħaħ is-sostenibbiltà u r-reżiljenza kif ukoll il-kapaċità tal-manifattura tal-UE ta’ teknoloġiji li ma fihomx emissjonijiet netti, bħall-batteriji. L-iżvilupp tal-katina tal-provvista tal-batteriji tal-UE se jiġi appoġġat ulterjorment mill-Battery Booster. Il-leġiżlazzjoni li ġejja bħall-Att għall-Aċċellarazzjoni Industrijali se jkollha l-għan li żżomm il-produzzjoni Ewropea ta’ komponenti ewlenin tal-vetturi elettriċi mibjugħa fl-UE, billi tagħmel l-appoġġ pubbliku għall-benefiċċju tal-industrija awtomobilistika soġġett għal kriterji ta’ reżiljenza u sostenibbiltà. Dawn il-kriterji huma għodda b’saħħitha għall-appoġġ tal-industrija Ewropea awtomobilistika. L-Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali huwa mistenni wkoll li jiżviluppa tikketta dwar l-intensità tal-karbonju tal-prodotti industrijali, li tibda bl-azzar, kif ukoll parametri għal “magħmul(a) fl-UE”. Dan se jkun rilevanti biex persuna tkun tista’ tibbaża fuq dawn l-iżviluppi kif xieraq, biex tiġi żgurata l-konsistenza tal-metodoloġiji. Huwa ugwalment validu għar-referenza għal “magħmul(a) fl-UE” għal karozzi elettriċi żgħar.

– Is-sistema għall-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjonijiet (ETS2, Emissions Trading System 2) li ttejjeb it-tranżizzjoni lejn vetturi b’emissjonijiet żero permezz tal-ipprezzar tal-karbonju.

– Ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESR, Effort Sharing Regulation) li jibqa’ ċentrali għall-istrateġija tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, bil-mira tal-2030 għas-setturi mhux tal-ETS stabbilita għal tnaqqis ta’ 40 % meta mqabbla mal-2005, u li l-Istati Membri jkomplu jaġġustaw il-baġits u l-flessibbiltajiet nazzjonali tagħhom hekk kif l-Unjoni ssegwi l-progress lejn l-għanijiet klimatiċi tagħha.

- **Konsistenza ma’ politiki oħra tal-Unjoni**

L-Ewropa stabbiliet qafas ambizzjuż biex issir ekonomija newtrali għall-klima sal-2050. Il-Patt għal Industrija Nadifa, għandu l-għan li jiżgura li l-UE tkun post attraenti għall-manifattura, inkluż għall-industriji intensivi fl-enerġija, u għall-promozzjoni ta’ teknoloġija nadifa u ta’ mudelli ta’ negozju ċirkolari ġodda, sabiex tilħaq l-objettivi maqbula tagħha ta’ dekarbonizzazzjoni. L-implimentazzjoni tagħhom se ssaħħaħ ukoll l-indipendenza enerġetika tal-UE mill-fjuwils fossili importati.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażi legali għal din il-proposta hija l-Artikolu 192 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). F'konformità mal-Artikoli 191 u 192(1) tat-TFUE, l-Unjoni Ewropea għandha tikkontribwixxi sabiex, *inter alia*, jintlaħqu l-objettivi li ġejjin: il-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent; il-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali maħsuba biex jittrattaw problemi ambjentali reġjonali jew globali u, b'mod partikolari, biex jiġġieldu t-tibdil fil-klima. Abbażi tal-Artikolu 192 tat-TFUE, l-Unjoni diġà adottat politiki biex tindirizza l-emissjonijiet tas-CO_2 mill-karozzi u mill-vetturi kummerċjali ħfief permezz tar-Regolament (UE) 2019/631, li ilu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2020 u biex tipprovdi lill-konsumaturi b'informazzjoni relatata mal-ekonomija tal-fjuwil u mal-emissjonijiet tas-CO_2 ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri offruti għall-bejgħ jew għall-kiri permezz tad-Direttiva 1999/94/KE.

- **Sussidjarjetà**

It-tibdil fil-klima hija problema transfruntiera fejn l-azzjoni koordinata tal-UE tista' tissupplimenta u ssaħħaħ l-azzjoni nazzjonali, reġjonali u lokali b'mod effettiv. L-azzjoni tal-UE hija ġġustifikata abbażi tas-sussidjarjetà, f'konformità mal-Artikolu 191 tat-Trattat ta' Liżbona.

Peress li l-istandards tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-vetturi u għar-rekwiżiti tat-tikkettar tal-karozzi huma stabbiliti fil-livell tal-UE, l-objettivi ta' din l-inizjattiva jistgħu jintlaħqu biss fil-livell tal-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità minħabba li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mod kosteffettiv, filwaqt li jiġu żgurati l-ġustizzja u l-integrità ambjentali.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta tipprevedi emenda tar-Regolament (UE) 2019/631, u għalhekk Regolament huwa l-uniku strument legali xieraq.

Fir-rigward tat-tikkettar tal-vetturi, il-proposta tħassar u tissostitwixxi d-Direttiva 1999/94/KE. Filwaqt li jitqiesu s-sejbiet tal-Evalwazzjoni kif ukoll il-bidliet ewlenin meħtieġa għar-regoli eżistenti u l-objettiv li jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern, regolament jikkostitwixxi l-istrument legali xieraq biex jissostitwixxi d-Direttiva, peress li jipprovdi dispożizzjonijiet ċari, dettaljati u direttament applikabbli. Barra minn hekk, dan jiżgura li r-rekwiżiti legali jiġu implimentati simultanjament u b'mod armonizzat madwar l-Unjoni.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Hemm qbil ġenerali fost il-partijiet ikkonċernati dwar il-ħtieġa li tinżamm id-direzzjoni tal-isforzi tal-UE għad-dekarbonizzazzjoni u li l-elettrifikazzjoni se tkun ċentrali għat-tranżizzjoni u għall-futur tal-kompetittività awtomobilistika tal-UE. Madankollu, xi partijiet ikkonċernati jargumentaw li l-qafas regolatorju kurrenti tal-UE huwa riġidu wisq, u dan

joħloq riskju ta' problemi għall-manifatturi tal-vetturi fit-tranżizzjoni. Għalhekk, huwa xieraq li dawn ir-riskji jiġu mmitigati.

L-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar it-Tikkettar tal-Karozzi sabet li filwaqt li sa ċertu punt kellha tilħaq l-objettivi inizjali tagħha li tinforma lill-konsumaturi dwar l-emissjonijiet tas-CO_2 ta' karozzi ġodda, diversi fatturi jillimitaw l-għażliet tal-konsumaturi u l-impatt potenzjali tagħha. Ir-rilevanza tagħha se tkun limitata ulterjorment hekk kif jiżdied l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero, li għalihom l-informazzjoni pprovduta sa issa hija limitata ħafna u mhux adegwata, u peress li x-xerrejja potenzjali tal-vetturi qegħdin jiddependu dejjem aktar fuq pjattaformi diġitali għall-ġbir tal-informazzjoni qabel ix-xiri.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni identifikat diversi gruppi ewlenin ta' partijiet ikkonċernati għall-konsultazzjoni, inklużi l-Istati Membri (awtoritajiet nazzjonali u reġjonali), il-manifatturi tal-vetturi, il-fornituri tal-komponenti u tal-materjali, il-fornituri tal-fjuwil u tal-enerġija, ix-xerrejja tal-vetturi (privati, in-negozji, il-kumpaniji tal-ġestjoni tal-flotot) l-NGOs ambjentali, tat-trasport u tal-konsumatur, u s-sħab soċjali.

Biex tiġbor il-feedback minn dawn il-gruppi, il-Kummissjoni nediet sejħa għal evidenza u konsultazzjoni pubblika online mis-7 ta' Lulju sal-10 ta' Ottubru 2025. Hija organizzat ukoll laqgħat mal-assoċjazzjonijiet tal-industrija li jirrappreżentaw lill-manifatturi tal-vetturi u tal-komponenti u lill-fornituri tal-enerġija, għamlet laqgħat bilaterali mal-awtoritajiet tal-Istati Membri, mas-sħab soċjali, u mal-NGOs, u stiednet lill-partijiet ikkonċernati biex jissottomettu dokumenti ta' pożizzjoni.

Is-sejħa għal evidenza għar-reviżjoni tar-Regolament li jistabbilixxi l-istandards tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-karozzi u għall-vannijiet irċeviet 963 tweġiba, filwaqt li s-sejħa separata għal evidenza għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tikkettar tal-Karozzi[7] rċeviet 39 tweġiba. Il-konsultazzjoni pubblika online, imwettqa fuq is-sit web tal-Istħarriġ tal-UE[8], kopriet kemm ir-reviżjoni tar-Regolament dwar l-istandards tas-CO_2 għall-karozzi u għall-vannijiet kif ukoll ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tikkettar tal-Karozzi. Il-konsultazzjoni rċeviet 1 115-il tweġiba, li minnhom 859 (77 %) kienu minn ċittadini tal-UE, 120 (11 %) kienu minn kumpanija jew negozju, li minnhom 57 (5 %) kienu minn SMEs, 76 (7 %) tweġiba ġew minn assoċjazzjonijiet tan-negozju, 14 (1 %) minn organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-bqija minn istituzzjonijiet akkademiċi, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u trade unions.

Fit-tweġibiet tagħhom għall-konsultazzjoni pubblika, il-partijiet ikkonċernati esprimew firxa wiesgħa ta' opinjonijiet dwar il-livelli fil-mira tas-CO_2. L-istabbiltà tal-politika ġiet identifikata bħala essenzjali minn xi Stati Membri, mill-awtoritajiet lokali, mill-NGOs ambjentali, mill-akkademiċi u mis-settur tal-elettriku. B'kuntrast għal dan, il-biċċa l-kbira tar-rispondenti l-oħra tal-industrija, flimkien mal-feedback minn kampanja taċ-ċittadini mmobilizzata, qiesu li l-miri tal-2035 ma setgħux jintlaħqu minħabba użu aktar bil-mod milli kien antiċipat ta' vetturi b'emissjonijiet żero. Ir-rappreżentanti tal-industrija ġeneralment kienu favur li jagħtu lill-fjuwils rinnovabbli sostenibbli u lill-vetturi elettriċi ibridi b'iċċarġjar mhux fuq il-vettura (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) rwol skont ir-Regolament dwar l-istandards tas-CO_2, sabiex tiżdied il-flessibbiltà u tittejjeb in-newtralità

[7] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/14750-Revision-of-the-EU-rules-on-car-labelling_mt

[8] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/14765-Revision-of-the-CO2-emission-standards-for-cars-and-vans_mt

teknoloġika, filwaqt li l-NGOs u l-awtoritajiet pubbliċi fil-maġġoranza tagħhom esprimew il-fehma opposta. Il-partijiet ikkonċernati tal-industrija fittxew ukoll flessibbiltà akbar fl-użu tal-multi, u pproponew li dawn iservu bħala mekkaniżmu ta' appoġġ aktar milli bħala miżura punittiva. Iċ-ċittadini u l-NGOs ġeneralment kienu favur l-użu tad-dħul għall-appoġġ tal-ħaddiema, għall-iżvilupp tal-infrastruttura tal-iċċarġjar, u għal miżuri min-naħa tad-domanda.

Maġġoranza ċara tal-partijiet ikkonċernati kienet tappoġġa l-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tat-tikkettar tal-vetturi kif ukoll iż-żieda ta' informazzjoni speċifika għall-vetturi b'emissjonijiet żero mat-tikketta, iżda mhux informazzjoni addizzjonali oħra li ma tkunx faċilment disponibbli bħall-kost totali tas-sjieda. Il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati jqisu li huwa importanti li t-tikketta tiġi estiża biex tkopri wkoll vannijiet ġodda. L-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi talbu li l-kamp ta' applikazzjoni tat-tikketta jiġi estiż għall-karozzi użati.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-valutazzjoni kwantitattiva tal-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-għażliet ta' politika kkunsidrati bniet fuq firxa ta' xenarji żviluppati għall-mudell PRIMES (Price-Induced Market Equilibrium System). Din l-analiżi ġiet ikkomplementata bl-applikazzjoni ta' għodod oħra ta' mmudellar, bħall-mudell GEM-E3 u l-mudell E3ME u l-mudell DIONE tal-JRC.

Id-data ta' monitoraġġ dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u karatteristiċi oħra tal-flotta l-ġdida ta' vetturi ħfief inkisbet mid-data ta' monitoraġġ annwali kif irrapportata mill-Istati Membri u miġbura mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA, European Environment Agency) skont ir-Regolament (UE) 2019/631.

Inġabret aktar informazzjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz ikkummissjonati minn kuntratturi esterni.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt, li tat analiżi dettaljata. Fil-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-inizjattiva mal-objettivi tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, kif meħtieġ mill-Artikolu 6(4) ta' dak ir-Regolament.

Ġew esplorati diversi għażliet ta' politika, miġbura fi tliet kategoriji ewlenin: (i) miri tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-karozzi u għall-vannijiet u diversi flessibbiltajiet li jiffaċilitaw il-konformità (fjuwils rinnovabbli sostenibbli, OVC-HEV, il-konformità pluriennali, is-superkrediti għall-karozzi elettriċi żgħar); (ii) appoġġ finanzjarju permezz tal-użu ta' multi; (iii) tikkettar tal-vetturi.

Ġiet identifikata kombinazzjoni ppreferuta ta' għażliet li jikkonċernaw il-miri u l-flessibbiltajiet, li tipprovdi għal aktar flessibbiltà u newtralità teknoloġika, filwaqt li żżomm sinjal b'saħħtu għall-investimenti f'mobbiltà b'emissjonijiet żero fit-tul. Fir-rigward tat-tikkettar tal-vetturi, l-għażla li tkopri l-firxa l-aktar wiesgħa ta' vetturi użati hija preferuta.

L-għażla ppreferuta fir-rigward tal-miri u tal-flessibbiltajiet tas-CO_2 ġġib benefiċċji għall-manifatturi fil-perjodu 2030–2034. Barra minn hekk, filwaqt li żżomm il-miri ta' tnaqqis ta' 100 % tal-2035, ittejjeb in-newtralità teknoloġika billi tirrikonoxxi rwol għall-OVC-HEV u rwol għal fjuwils rinnovabbli sostenibbli lil hinn mill-2035. Dan se jistimula l-investimenti kontinwi u l-iżvilupp ta' teknoloġiji għajr sistemi tal-motopropulsjoni b'emissjonijiet żero, li jistgħu jkunu utli għal każijiet ta' użu speċifiku u/jew għal fażi tranżizzjonali, possibbilment jappoġġa wkoll il-kompetittività ta' xi manifatturi Ewropej fi swieq oħra. Kif muri fil-valutazzjoni, l-impatti enerġetiċi u klimatiċi tal-għażla ppreferuta huma limitati, b'mod

partikolari minħabba s-salvagwardji integrati. Fid-dawl ta' dan, l-inizjattiva hija konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-UE għall-2050 u mal-mira klimatika għall-2030 u mal-progress fl-adattament.

L-għażla ppreferuta fir-rigward tal-miri u tal-flessibbiltajiet tas-CO_2 ġġib magħha xi kostijiet totali addizzjonali tas-sistema (kostijiet kapitali, fjuwil u kostijiet operatorji oħrajn), iżda ma turix bidliet sinifikanti meta mqabbla mal-linja bażi.

Il-flessibbiltà regolatorja pprovduta mill-inizjattiva hija mistennija li ttejjeb il-kompetittività fuq perjodu ta' żmien qasir. L-għażla ppreferuta tinkludi elementi li għandhom l-għan li jiksbu l-bilanċ meħtieġ bejn il-flessibbiltà regolatorja u n-newtralità teknoloġika mtejba fuq naħa waħda, u ż-żamma tal-prevedibbiltà u tal-istabbiltà tas-sinjal fit-tul lejn vettura b'emissjonijiet żero (ZEV, Zero-Emission Vehicle) fuq in-naħa l-oħra.

.

L-għażla ppreferuta ta' tikkettar tal-vetturi se tipprovdi lix-xerrejja potenzjali taz-ZEV b'informazzjoni aktar adegwata u se tiżgura li l-armonizzazzjoni tad-disinn tat-tikketta fil-livell tal-UE se twassal b'mod effettiv għas-simplifikazzjoni u tkopri l-vetturi użati kollha b'mod ugwali. L-armonizzazzjoni tneħħi l-ħtieġa għall-iżvilupp ta' disinn nazzjonali tat-tikketti, li jirriżulta fl-iffrankar tal-kostijiet għall-awtoritajiet nazzjonali.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

B'konformità mal-impenn tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar, il-proposta tħejjiet b'mod inklużiv, abbażi tat-trasparenza u l-involviment kontinwu mal-partijiet ikkonċernati.

Meta mqabbla mar-Regolament kurrenti, il-proposta ma hijiex mistennija li żżid il-kostijiet amministrattivi kkawżati mil-leġiżlazzjoni. Barra minn hekk, ma hijiex qiegħda żżid il-kumplessità tal-qafas legali.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, hija tikkontribwixxi għall-objettiv ta' livell għoli ta' protezzjoni ambjentali f'konformità mal-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli kif stipulat fl-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[9].

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva li tistabbilixxi l-implikazzjonijiet għar-riżorsi baġitarji, umani u amministrattivi ġiet mehmuża mal-proposta li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/631 u l-aktar reviżjoni reċenti tiegħu bir-Regolament (UE) 2023/851.

[9] ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Din il-proposta ma tbiddilx is-sustanza tar-regoli, il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tibqa' l-istess bħall-proposta li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/631, kif emendat bir-Regolament (UE) 2023/851.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 fih l-emendi proposti li ġejjin:

– L-Artikolu 1(1) jemenda l-Artikolu 1, sabiex titnaqqas il-mira tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-flotta kollha tal-UE għall-2030 għall-vannijiet minn tnaqqis ta' 50 % għal tnaqqis ta' 40 % mil-linja bażi tal-2021 u l-mira tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-flotta kollha tal-UE għall-2035 għall-karozzi u għall-vannijiet minn 100 % għal 90 %. Iżid ukoll it-tikkettar tal-vetturi mas-suġġett tar-Regolament.

– L-Artikolu 1(2) jemenda l-Artikolu 2(1)(b) biex jiċċara li l-vetturi ZEV kollha ta' N (inklużi l-N1 u l-N2), li l-massa tagħhom mingħajr il-massa tal-batterija hija anqas minn 2 840 kg, fil-fatt jitqiesu meta tiġi vvalutata l-konformità mal-miri tal-emissjonijiet tas-CO_2 stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dan jestendi wkoll il-kamp ta' applikazzjoni biex jinkludi t-tikkettar tal-vetturi.

– L-Artikolu 1(3) jemenda l-Artikolu 3 biex jiċċara d-definizzjoni ta' "massa tat-test", u biex jintroduċi definizzjonijiet rilevanti għad-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar tal-vetturi.

– L-Artikolu 1(4) jemenda l-Artikolu 4 sabiex jintroduċi konformità pluriennali. L-Artikolu 1(7) jemenda l-Artikolu 6 u l-Artikolu 1(9) jemenda l-Artikolu 8 biex jintroduċi bidliet konsegwenzjali

– L-Artikolu 1(5) jemenda l-Artikolu 5 biex jipprovdi għal super krediti għal vetturi elettriċi żgħar magħmula fl-UE.

– L-Artikolu 1(6) jintroduċi dispożizzjonijiet ġodda dwar ir-rwol ta' ċerti fjuwils rinnovabbli sostenibbli.

– L-Artikolu 1(6) jintroduċi dispożizzjonijiet ġodda dwar ir-rwol tal-azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju magħmul fl-UE.

– L-Artikolu 1(10), (14) jipprevedi l-Artikoli 15a, 15b l-ġodda u l-Anness IIIa ġdid, li jistabbilixxu r-regoli għat-tikkettar tal-vetturi.

2025/0420 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 fir-rigward tal-istandards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO2 għal vetturi ħfief ġodda u għat-tikkettar tal-vetturi u li jħassar id-Direttiva 1999/94/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[10],

Wara li kkunsidra/kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[11],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Permezz tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1119 (il-liġi dwar il-klima), l-Unjoni stabbiliet fil-leġiżlazzjoni l-objettiv vinkolanti tan-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha sal-2050, u b'hekk l-emissjonijiet netti jitnaqqsu għal żero sa dik id-data, u l-għan li jinksibu emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem, stabbiliet mira klimatika intermedja vinkolanti tal-Unjoni għall-2030 u dispożizzjonijiet għad-determinazzjoni ta' mira klimatika intermedja għall-Unjoni kollha għall-2040.

(2) Sabiex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika, huwa essenzjali li, *inter alia*, jiġi żgurat u pprovdut appoġġ għall-kompetittività u r-reżiljenza tal-industrija Ewropea, jiġu żgurati perkorsi ta' tranżizzjoni bbażati fuq l-aħjar teknoloġiji kosteffettivi, sikuri u skalabbli disponibbli, tiġi stabbilita enfasi akbar fuq tranżizzjoni ġusta, tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta mas-sħab internazzjonali u tiġi dekarbonizzata s-sistema tal-enerġija bis-soluzzjonijiet tal-enerġija kollha b'livell żero u baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

(3) Bil-Patt għal Industrija Nadifa u l-Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku Ewropew, l-Unjoni stabbiliet il-kundizzjonijiet għal tranżizzjoni ta' suċċess, li tiffoka kemm fuq id-dekarbonizzazzjoni kif ukoll fuq it-tiġdid industrijali, inklużi mekkaniżmi ta' appoġġ għall-industrija Ewropea, rekwiżiti tal-kontenut Ewropew dwar iċ-ċelloli u l-komponenti tal-batteriji fl-EVs mibjugħa fl-Unjoni, aċċess aħjar għall-finanzi pubbliċi u privati, kundizzjonijiet ekwi globali, u

[10] ĠU C , , p. .
[11] ĠU C , , p. .

kundizzjonijiet abilitanti ċari għall-adozzjoni u għall-iskalar ta' teknoloġiji nodfa, sabiex jissaħħu l-kompetittività industrijali u l-innovazzjoni fl-Unjoni.

(4) Is-settur awtomobilistiku huwa pilastru ewlieni tal-ekonomija tal-Unjoni, u jinsab f'punt kritiku ta' bidla, li qiegħed jiffaċċja kompetizzjoni globali ħarxa u trasformazzjonijiet strutturali profondi fid-dekarbonizzazzjoni u fid-diġitalizzazzjoni. Il-perkors lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero teħtieġ approċċ integrat li jgħaqqad it-tnaqqis ta' CO_2, il-kompetittività industrijali, il-ġustizzja soċjali u t-tmexxija teknoloġika. Biex jiġi żgurat li din it-trasformazzjoni ssaħħaħ il-kompetittività tal-ekosistema awtomobilistika tal-Unjoni filwaqt li żżomm l-ambizzjonijiet ambjentali u soċjali tagħha, fil-5 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni adottat il-Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku Ewropew.

(5) Il-vetturi kummerċjali ħfief jinxtraw u jintużaw f'kuntest professjonali. Għal xi każijiet speċifiċi ta' użu jista' jkun hemm ostakli għal żmien qasir għall-varar ta' vetturi b'emissjonijiet żero f'dak is-segment. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi aġġustata l-mira tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-2030 għal dawk il-vetturi biex tiġi appoġġata l-kapaċità kontinwa tal-manifatturi li jinvestu, b'mod partikolari fit-tranżizzjoni lejn vetturi b'emissjonijiet żero.

(6) It-trawwim tal-iżvilupp u tal-produzzjoni ta' karozzi elettriċi żgħar magħmula fl-UE se jiżgura l-affordabbiltà u l-aċċess għal mobbiltà nadifa għall-konsumaturi u se jtejjeb il-kompetittività u s-sostenibbiltà tas-settur awtomobilistiku Ewropew. Għalhekk huwa xieraq li jiġi inċentivat l-iżvilupp ta' karozzi elettriċi żgħar magħmula fl-UE billi jiġu pprovduti inċentivi fil-forma ta' krediti tas-CO_2 għall-manifatturi li jintroduċu tali vetturi fis-suq tal-Unjoni.

(7) Filwaqt li huwa essenzjali li l-miri tal-emissjonijiet tas-CO_2 ikomplu jinċentivaw it-tranżizzjoni lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero u joħolqu ċertezza u prevedibbiltà għal tali investimenti, nuqqas ta' flessibbiltà regolatorja jista' joħloq diffikultajiet għall-manifatturi tal-vetturi fejn jillimita l-għażliet ta' konformità tagħhom. Għalhekk huwa xieraq li jiġi appoġġat approċċ teknoloġikament newtrali billi jiġu previsti flessibbiltajiet regolatorji għal teknoloġiji mingħajr emissjonijiet.

(8) Sabiex jiġu pprovduti flessibbiltajiet addizzjonali, matul il-perjodu mill-2030 sal-2032, il-manifatturi jenħtieġ li jiżguraw li l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 tal-vetturi tagħhom ma jaqbżux mira ta' emissjonijiet, ikkalkolata bħala l-medja tal-miri annwali tagħhom għall-emissjonijiet speċifiċi matul il-perjodu. Il-konformità mal-miri jenħtieġ li tiġi vvalutata fi tmiem il-perjodu għal kull manifattur individwali. Il-primjums għall-emissjonijiet eċċessivi jenħtieġ li jiġu kkalkolati kif xieraq.

(9) Il-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-flotta kollha mill-2035 titnaqqas minn 100 % għal 90 %, dment li l-emissjonijiet li jifdal jiġu kkumpensati mill-użu ta' krediti tal-azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jew ta' krediti sostenibbli ta' fjuwils rinnovabbli.

(10) L-użu ta' krediti tal-azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u ta' krediti sostenibbli ta' fjuwils rinnovabbli jenħtieġ li jkun limitat sabiex jiġu ppreservati l-investimenti fil-katina tal-valur b'emissjonijiet żero. Billi jippermettu li l-emissjonijiet jiġu kkumpensati sa 10 % tal-mira tal-UE għall-flotta kollha tal-2021 mill-2035, dawn il-krediti, flimkien mal-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' 90 %, jappoġġaw l-objettiv ġenerali tan-newtralità klimatika.

(11) Fl-2035 u kull 5 snin wara dan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-effettività tar-Regolament, biex iżżomm l-allinjament mal-objettiv vinkolanti tan-newtralità

klimatika tal-2050 stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("il-Liġi dwar il-Klima").

(12) Huwa xieraq li jkun permess rikonoxximent tal-iffrankar tal-emissjonijiet minn fjuwils rinnovabbli sostenibbli fl-istandards tas-CO_2, li jiġu pprovduti flessibbiltajiet ulterjuri għall-manifatturi u li jiġu appoġġati l-investimenti fl-iżvilupp tal-katina tal-valur tal-fjuwils rinnovabbli sostenibbli. Dawn il-fjuwils se jibqa' jkollhom rwol fid-dekarbonizzazzjoni tat-trasport. Sabiex jiġu appoġġati teknoloġiji innovattivi, il-qafas kurrenti skont id-Direttiva (UE) 2018/2001 jinkludi miri vinkolanti għall-bijofjuwils avvanzati fit-trasport. Il-progress fl-implimentazzjoni tagħha qiegħed jsir, għalkemm bil-mod. Għal tmiem l-2026, huwa ppjanat li jsir rieżami tad-Direttiva (UE) 2018/2001 li jivvaluta l-progress li sar u l-ħtieġa għal aġġornament tal-qafas futur tal-bijoekonomija.

(13) Il-promozzjoni tal-azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju hija essenzjali biex jintlaħqu l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni filwaqt li tissaħħaħ il-kompetittività industrijali u l-awtonomija strateġika tagħha. Peress li s-settur awtomobilistiku huwa utent ewlieni tal-azzar, huwa xieraq li jiġi inċentivat l-użu ta' azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fil-produzzjoni tal-vetturi biex jinħoloq suq ewlieni. Għaldaqstant, biex wara l-2035 jiġu kkumpensati l-emissjonijiet tas-CO_2 tal-vetturi l-ġodda tagħhom, li ma jkunux diġà ġew ikkumpensati mill-użu ta' fjuwils rinnovabbli sostenibbli, il-manifatturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw il-krediti tal-azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju magħmul fl-UE.

(14) Biex tingħata aktar ċertezza lill-manifatturi tal-vetturi kummerċjali ħfief, jenħtieġ li jiġi pprovdut aġġustament tekniku għall-formula li taġġusta l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi ta' manifattur skont il-massa tat-test medja tal-flotta tal-UE.

(15) L-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar it-Tikkettar tal-Karozzi kkonkludiet li hemm nuqqas ta' armonizzazzjoni tat-tikketta madwar l-Istati Membri, li xerrejja potenzjali ta' vetturi, vannijiet u vetturi użati b'emissjonijiet żero u baxxi ma humiex informati b'mod adegwat skont ir-regoli kurrenti, u li l-konsumaturi jiddependu dejjem aktar fuq għodod diġitali filwaqt li r-regoli kurrenti jiffukaw fuq punti fiżiċi ta' bejgħ, bi gwida u poster fuq il-karta. Għalhekk, id-Direttiva 1999/94/KE jeħtieġ li tiġi riveduta u aġġornata.

(16) Jenħtieġ li jkun hemm disponibbli tikketta tal-vettura li tipprovdi informazzjoni li tkun rilevanti għal vetturi b'emissjonijiet żero biex ix-xerrejja potenzjali tal-vetturi jingħataw is-setgħa li jieħdu deċiżjonijiet informati dwar ix-xiri. Barra minn hekk, jenħtieġ li tikketta tal-vettura tkun disponibbli mhux biss għal karozzi ġodda tal-passiġġieri, iżda wkoll għal xerrejja potenzjali ta' vannijiet u vetturi użati, biex jiġi żgurat li x-xerrejja potenzjali ta' dawk il-vetturi jkunu infurmati kif xieraq ukoll.

(17) It-tikketta għal vetturi individwali jenħtieġ li tinkludi l-aktar informazzjoni sinifikanti miċ-ċertifikat ta' konformità. Jenħtieġ li tipprovdi wkoll l-opportunità lill-konsumaturi biex jaċċessaw informazzjoni addizzjonali. Fil-futur, hekk kif jevolvu r-rekwiżiti tekniċi, il-monitoraġġ u r-rapportar u d-data disponibbli, informazzjoni addizzjonali tista' pereżempju tinforma lill-klijenti dwar il-prestazzjoni ta' vetturi ibridi plug-in skont l-imġiba tal-utent f'termini tas-sehem tas-sewqan fil-modalità elettrika.

(18) Peress li x-xerrejja tal-vetturi jiddependu dejjem aktar fuq għodod diġitali, u biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jqabblu mudelli differenti tal-vetturi, inkluż minn manifatturi differenti, jenħtieġ li l-informazzjoni dwar il-mudelli kollha tal-vetturi li

għalihom jiġu introdotti vetturi ġodda fis-suq tal-Unjoni ssir disponibbli f'bażi tad-data dwar il-prodott.

(19) Ir-rekwiżiti tat-tikkettar tal-vetturi jenħtieġ li japplikaw għall-manifatturi u għan-negozjanti tal-vetturi jew għal kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra li tagħmel vetturi disponibbli fis-suq matul attività kummerċjali, u b'hekk jiġu esklużi persuni privati li kultant ibigħu karozza użata.

(20) Ir-rekwiżiti tat-tikkettar tal-vetturi jenħtieġ li jiġu inkorporati fir-Regolament (UE) 2019/631 sabiex tiġi ssalvagwardjata l-applikazzjoni konsistenti u armonizzata tiegħu madwar l-Unjoni.

(21) Sabiex jiġu stabbiliti metodoloġiji għad-determinazzjoni tal-kriterji biex karozza titqies "magħmul(a) fl-UE", biex l-azzar jitqies bħala b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u biex jiġi emendat l-Anness relatat mat-tikkettar tal-vetturi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tqis l-iżviluppi teknoloġiċi u leġiżlattivi, kif ukoll l-iżviluppi relatati mal-informazzjoni dwar il-konsumatur. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(22) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-istabbiliment tar-regoli u tal-proċeduri dettaljati għall-monitoraġġ u għar-rapportar mill-manifatturi tad-data kollha neċessarja għall-kalkolu tal-krediti tal-azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u d-dettalji operazzjonali tal-bażi tad-data tal-prodotti għat-tikkettar tal-vetturi. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(23) Billi l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jipprovdi lill-manifatturi tal-vetturi bi flessibbiltajiet addizzjonali għall-konformità tagħhom filwaqt li jinżamm il-livell ta' ambizzjoni tal-miri ta' tnaqqis tas-CO_2, kif ukoll li jiġu armonizzati u aġġornati r-rekwiżiti tat-tikkettar tal-vetturi, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu minflok, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi.

(24) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/631 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) 2019/631

Ir-Regolament (UE) 2019/631 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 5, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) għall-emissjonijiet medji tal-flotta l-ġdida ta' vetturi kummerċjali ħfief, mira għall-flotta kollha tal-UE ugwali għal tnaqqis ta' 40 % tal-mira fl-2021, stabbilita f'konformità mal-punt 6.1.2 tal-Parti B tal-Anness I.";

(b) il-paragrafu 5a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Mill-1 ta' Jannar 2035, għandhom japplikaw il-miri li ġejjin għall-flotta kollha tal-UE:

(a) għall-emissjonijiet medji tal-flotta l-ġdida tal-karozzi tal-passiġġieri, mira għall-flotta kollha tal-UE ugwali għal tnaqqis ta' 90 % tal-mira fl-2021 iddeterminata f'konformità mal-Parti A, il-punt 6.1.3 tal-Anness I;

(b) għall-emissjonijiet medji tal-flotta l-ġdida ta' vetturi kummerċjali ħfief, mira għall-flotta kollha tal-UE ugwali għal tnaqqis ta' 90 % tal-mira fl-2021 iddeterminata f'konformità mal-Parti B, il-punt 6.1.3, tal-Anness I.";

(c) il-paragrafu 7 huwa emendat kif ġej:

"7. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dwar it-tikkettar tal-vetturi sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni rilevanti relatata mal-karozzi tal-passiġġieri u mal-vetturi kummerċjali ħfief offruti għall-bejgħ jew għal-lokazzjoni fl-Unjoni ssir disponibbli għal xerrejja potenzjali.";

(2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (b) it-test wara l-punt u virgola huwa sostitwit b'dan li ġej:

"fil-każ ta' vetturi b'emissjonijiet żero tal-kategorija N, mill-1 ta' Jannar 2025, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2018/858 u r-Regolament (KE) Nru 715/2007, għandhom jingħaddu bħala vetturi kummerċjali ħfief li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jekk il-massa ta' referenza mingħajr il-massa tas-sistema tal-ħżin tal-enerġija ma taqbiżx 2 840 kg.";

(b) jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. L-Artikoli 15a u 15b ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-vetturi kollha tal-kategoriji M1 u N1, kif definiti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/858, offruti għall-bejgħ jew għall-kiri fl-Unjoni, li għandhom approvazzjoni tat-tip f'konformità mal-Proċedura ta' Ttestjar Armonizzata Fuq Livell Dinji għall-Vetturi Ħfief stabbilita fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151."

(3) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(l) "massa tat-test" jew "TM" tfisser il-massa tat-test ta' karozza tal-passiġġieri jew vettura kummerċjali ħafifa kif stabbilit fiċ-ċertifikat tal-konformità u kif definit fil-paragrafu 3.2.25 tar-Regolament tan-NU 154";

(b) jiżdiedu l-punti (n) sa (r) li ġejjin:

"(n) "vettura b'emissjonijiet żero" tfisser vettura tal-passiġġieri jew vettura kummerċjali ħafifa b'emissjonijiet mill-iżbokk tal-egżost ta' 0 g CO_2/km, kif determinat f'konformità mal-proċedura applikabbli tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE;

(o) "tikketta tal-vettura" tfisser dijagramma grafika f'forma stampata jew elettronika li tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;

(p) "punt tal-bejgħ" tfisser post fejn il-vetturi jintwerew jew jiġu offruti għall-bejgħ jew għal-lokazzjoni lil klijenti potenzjali, inklużi fieri kummerċjali fejn il-vetturi jiġu ppreżentati lill-pubbliku;

(q) "materjal promozzjonali" tfisser kwalunkwe forma ta' informazzjoni f'forma stampata jew elettronika, offline jew online, użata għall-bejgħ jew għall-kiri ta' vetturi jew fil-kummerċjalizzazzjoni, fir-reklamar jew fil-promozzjoni ta' vetturi offruti għall-bejgħ jew għall-kiri lill-pubbliku ġenerali jew lil klijent potenzjali;

(r) "mudell tal-vettura" tfisser grupp ta' vetturi li jappartjenu għall-istess tip, varjant u verżjoni kif speċifikat fil-Parti B tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/858.";

(4) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1 il-punt (c), jiżdied it-test li ġej:

"Barra minn hekk, mill-2035, il-manifattur għandu jiżgura wkoll li l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 tiegħu ma jaqbżux is-somma tal-krediti tal-fjuwil tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 5a, u l-krediti tal-azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 5b.";

(b) il-paragrafu 1a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1a. B'deroga mill-paragrafu 1, għall-perjodi li jinkludu s-snin kalendarji 2025 sal-2027 u s-snin kalendarji 2030 sal-2032, manifattur, inkluż meta jkun membru ta' konsorzju, għandu jiżgura li l-emissjonijiet speċifiċi medji tiegħu ta' CO_2 matul dawn il-perjodi ma jaqbżux il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu matul dawn il-perjodi.

Dawk l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 għandhom jiġu kkalkolati bħala l-medja matul il-perjodu kkonċernat tal-emissjonijiet speċifiċi medji annwali tas-CO_2 ponderati skont l-għadd ta' vetturi rreġistrati ġodda għall-manifattur f'kull sena kalendarja.

Il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi għandha tiġi kkalkolata bħala l-medja matul il-perjodu kkonċernat tal-miri annwali tal-emissjonijiet speċifiċi ddeterminati f'konformità mal-punt 6.3 tal-Parti A jew mal-Parti B tal-Anness I jew, meta manifattur jingħata deroga skont l-Artikolu 10, f'konformità ma' dik id-deroga, ponderata skont l-għadd ta' vetturi rreġistrati ġodda għall-manifattur f'kull sena kalendarja.

Għal kull sena kalendarja li fiha manifattur ikun ġie inkluż f'konsorzju, il-medja annwali tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2 u l-mira annwali tal-emissjonijiet speċifiċi li għandhom jintużaw għal dawk il-kalkoli għandhom ikunu l-valuri għal dak il-konsorzju.";

(5) l-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Super krediti għal vetturi żgħar b'emissjonijiet żero

1. Sal-2034, għall-fini tal-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 ta' manifattur, kull vettura ġdida b'emissjonijiet żero tal-kategorija M1 identifikata bħala vettura elettrika żgħira f'konformità mal-punt 2.4 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/858 u magħmula fl-UE għandha tingħadd bħala 1,3 vetturi.

2. Għal kull sena kalendarja, kull Stat Membru għandu jirreġistra u jibgħat lill-Kummissjoni, bħala parti mill-obbligi tiegħu f'konformità mal-Artikolu 7, għal kull vettura ġdida b'emissjonijiet żero tal-kategorija M1 jekk din hijiex identifikata bħala vettura elettrika żgħira jew le f'konformità mal-punt 2.4 tal-Parti A tal-Anness I għar-Regolament (UE) 2018/858 u jekk hijiex magħmula fl-UE, kif ukoll il-valur tal-parametri li jiddeterminaw tali konformità.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi metodoloġija għad-determinazzjoni tal-kriterji biex karozza titqies bħala "magħmul(a) fl-UE".

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-manifatturi li jkunu ffurmaw konsorzju, sakemm il-manifatturi kollha inklużi fl-konsorzju jkunu parti mill-istess grupp ta' manifatturi konnessi.";

(6) jiddaħħlu l-Artikoli 5a u 5b li ġejjin:

"Artikolu 5a

Rwol ta' fjuwils rinnovabbli sostenibbli

1. Mill-2035, il-Kummissjoni għandha tikkalkula, għal kull manifattur, il-krediti tal-fjuwil abbażi tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra miksub bl-użu tal-fjuwils imsemmija fil-paragrafu 2, kif determinat f'konformità mal-punt 7 tal-Partijiet A u B tal-Anness I, biex tikkumpensa għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri u minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fis-sena kalendarja. Dawn il-krediti tal-fjuwil għandhom jiġu kkalkolati billi titqies il-kwantità ta' tali fjuwils introdotti fis-suq tal-Unjoni għat-trasport bit-triq u l-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, kif ikkalkolata skont l-Artikoli 29a u 31 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u kif irrapportat fil-bażi tad-data tal-Unjoni stabbilita skont l-Artikolu 31a ta' dik id-Direttiva, is-sehem tal-fjuwil tat-trasport bit-triq użat fil-karozzi tal-passiġġieri u fil-vetturi kummerċjali ħfief, il-kilometraġġ medju tul il-ħajja tal-vetturi, u l-għadd ta' vetturi rreġistrati.

2. Il-fjuwils eliġibbli għandhom ikunu fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika (RFNBOs, Renewable Fuels of Non-Biological Origin) kif definiti fl-Artikolu 2(36) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 29a ta' dik id-Direttiva, bijofjuwils, kif definiti fl-Artikolu 2(33) ta' dik id-Direttiva, u bijogass, kif definit fl-Artikolu 2(28) ta' dik id-Direttiva, kemm prodotti mill-materja prima elenkata fl-Anness IX ta' dik id-Direttiva kif ukoll li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 29 ta' dik id-Direttiva.

3. Il-krediti mill-fjuwils kollha msemmija fil-paragrafu 2 ma għandhomx inaqqsu l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 ta' manifattur b'aktar minn 3 % tal-mira$_{2021}$ għall-flotta kollha tal-UE kif stabbilit fil-punt 6.0 tal-Anness I, il-Partijiet A u B.

Il-krediti mill-kwantitajiet ta' bijofjuwils u bijogass prodotti mill-materja prima elenkata fil-Parti B tal-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001 ma għandhomx inaqqsu l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO_2 ta' manifattur b'aktar minn 1 % tal-mira$_{2021}$ għall-flotta kollha tal-UE kif stabbilit fil-punt 6.0 tal-Anness I, il-Partijiet A u B.

4. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-manifatturi li ffurmaw konsorzju, sakemm il-manifatturi kollha inklużi fil-konsorzju ma jkunux parti mill-istess grupp ta' manifatturi konnessi.

Artikolu 5b

Rwol tal-azzar b'livell baxx ta' karbonju

1. Mill-2035, manifattur għandu jikseb krediti għall-azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju magħmul fl-UE ("krediti tal-azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju") biex jikkumpensa għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri u minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fis-sena kalendarja.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal dawk il-vetturi li l-kontribut tagħhom għall-emissjonijiet medji huwa kopert mill-Artikolu 5a.

.

3. Il-krediti tal-azzar b'livell baxx ta' karbonju għandhom jiġu kkalkolati billi jitqiesu l-kwantità u l-intensità tal-emissjonijiet tas-CO_2, ikkalkolati skont il-metodoloġija stabbilita f'konformità mal-paragrafu 6, tal-azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju magħmul fl-UE, użat fil-karozzi ġodda tal-passiġġieri tal-manifattur jew fil-vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fl-Unjoni fis-sena kalendarja, l-għadd ta' vetturi rreġistrati fis-sena kalendarja, u l-kilometraġġ tul il-ħajja tal-vetturi, f'konformità mal-punt 7 tal-Partijiet A u B tal-Anness I.

4. Il-krediti tal-azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju ma għandhomx inaqqsu l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 ta' manifattur b'aktar minn 7 % tal-mira$_{2021}$ għall-flotta kollha tal-UE kif stabbilit fil-punt 6.0 tal-Anness I, Partijiet A u B.

5. Il-Kummissjoni għandha tispeċifika, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-regoli u l-proċeduri dettaljati għall-monitoraġġ u għar-rapportar mill-manifatturi tad-data kollha meħtieġa għall-kalkolu tal-krediti tal-azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi metodoloġija għad-determinazzjoni tal-karatteristiċi tal-azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u l-intensità tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-azzar u tal-azzar ta' referenza bħala punt ta' referenza għall-kalkolu għall-krediti tal-azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

7. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-manifatturi li jkunu ffurmaw konsorzju, sakemm il-manifatturi kollha inklużi fl-konsorzju jkunu parti mill-istess grupp ta' manifatturi konnessi.";

(7) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2, l-aħħar sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, ftehim biex jiġi ffurmat konsorzju li jkopri s-sena kalendarja 2025 jew l-2026 jista' jidħol fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2027, ftehim biex jiġi

ffurmat konsorzju li jkopri s-sena kalendarja 2030 jew 2031 jista' jidħol fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2032."

(8) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 5, is-sentenza li ġejja tiddaħħal wara l-ewwel sentenza:

"Il-manifatturi responsabbli għal inqas minn 1 000 karozza ġdida tal-passiġġieri jew għal inqas minn 1 000 vettura kummerċjali ħafifa ġdida rreġistrata fl-Unjoni fis-sena kalendarja preċedenti għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni sħiħa dwar kwalunkwe waħda mill-impriżi konnessi tagħhom skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2), sakemm ma jkunux diġà nnotifikaw tali informazzjoni u sakemm ma tkun seħħet l-ebda bidla minn dak iż-żmien.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 6b li ġej:

"6b. Kull manifattur għandu jaħtar punt ta' kuntatt għall-fini ta' kwalunkwe korrispondenza msemmija f'dan l-Artikolu.";

(9) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, fir-rigward tas-snin kalendarji 2025 sa 2027, u 2030 sa 2032, il-Kummissjoni għandha timponi primjum għall-emissjonijiet eċċessivi fuq kwalunkwe manifattur li l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 tiegħu matul il-perjodu jaqbżu l-mira tiegħu għall-emissjonijiet speċifiċi matul dak il-perjodu.";

(b) jiżdied il-paragrafu (5) li ġej:

"B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, għal kull sena kalendarja li tibda mill-2035, il-Kummissjoni għandha timponi primjum għall-emissjonijiet eċċessivi fuq manifattur jew maniġer ta' konsorzju, kif xieraq, meta l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO_2 ta' manifattur jaqbżu l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu jew l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO_2 tiegħu jaqbżu s-somma tal-krediti tal-fjuwil tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 5a, u l-krediti tal-azzar b'livell baxx ta' karbonju tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 5b.

Il-primjum għall-emissjonijiet eċċessivi għandu jiġi kkalkulat bil-formula li ġejja:

(emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 – (krediti tal-fjuwil + krediti tal-azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju)) × EUR 95) × l-għadd ta' vetturi rreġistrati ġodda.

Fil-kalkolu ta' hawn fuq, is-somma tal-krediti tal-fjuwil u tal-krediti tal-azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju ma tistax taqbeż l-10 % tal-mira tal-UE_{2021}";

(10) Fl-Artikolu 15, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fl-2035 u kull 5 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-effettività tar-Regolament biex tinkiseb mobbiltà b'emissjonijiet żero. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll l-impatt, il-fattibbiltà u l-adegwatezza tal-inklużjoni tar-rekwiżiti tal-kontenut lokali, b'mod partikolari abbażi tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE. Filwaqt li tqis l-iżviluppi tas-suq u tat-teknoloġija, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u temenda, kif xieraq, dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-aġġustamenti għall-miri għall-flotta kollha bil-għan li jinżamm l-allinjament mal-objettiv vinkolanti tan-newtralità klimatika tal-2050 stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill."

(11) jiddaħħlu l-Artikoli 15a u 15b li ġejjin:

“Artikolu 15a

Obbligi tal-manifatturi u tad-distributuri fir-rigward tat-tikkettar tal-vetturi

1. Id-distributuri għandhom jiżguraw li tikketta tal-vettura kif stabbilita fl-Anness IIIa, il-Parti 2, tkun imwaħħla jew murija, b’mod li tkun tidher ċar u li tista’ tinqara fl-intier tagħha, ħdejn kull vettura offruta għall-bejgħ jew għall-kiri fil-punti tal-bejgħ tagħha.

It-tikketta tal-vettura għandha tinkludi l-elementi ta’ informazzjoni msemmija fl-Anness IIIa, il-Parti 2, li jikkorrispondu għall-vettura li tirreferi għaliha.

Minbarra t-tikketta tal-vettura, id-distributur għandu jinforma lix-xerrej potenzjali ta’ vettura użata b’emissjonijiet żero jew ta’ vettura użata elettrika ibrida b’iċċarġjar mhux fuq il-vettura, dwar l-“istat tas-saħħa tal-batterija ta’ trazzjoni” kurrenti tal-vettura, abbażi tal-informazzjoni disponibbli fl-unità tal-wiri tal-vettura f’konformità mal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2025/1707.

2. Il-manifatturi u d-distributuri, skont il-każ, għandhom jiżguraw li kwalunkwe materjal promozzjonali relatat mal-bejgħ jew mal-lokazzjoni ta’ vetturi individwali juri t-tikketta tal-vettura, kif stabbilit fl-Anness IIIa, il-Parti 2, għal kull vettura, inkluż għal vetturi offruti għall-bejgħ jew għall-kiri fuq l-internet.

Meta l-materjal promozzjonali jikkonċerna mudell wieħed jew aktar ta’ vettura, il-materjal promozzjonali għandu jinkludi l-valuri tal-vetturi kollha li jirreferi għalihom jew il-firxa bejn l-aktar valuri baxxi u l-ogħla valuri tal-vetturi kollha li jirreferi għalihom, għall-parametri tekniċi kollha msemmija fl-Anness IIIa, il-Parti 2.

Meta l-materjal promozzjonali distribwit b’mezzi elettroniċi jippermetti lill-konsumaturi biex jikkonfiguraw vettura speċifika, bħal konfiguranti tal-karozzi online, dan għandu juri b’mod ċar lill-konsumaturi kif tagħmir speċifiku differenti u extras fakultattivi jaffettwaw il-valuri tal-parametri tekniċi kollha msemmija fl-Anness IIIa, il-Parti 2.

3. Sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi bażi tad-data tal-prodotti li għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku u għandha tipprovdi informazzjoni fir-rigward tat-tikkettar tal-vetturi għall-mudelli tal-vetturi introdotti fis-suq.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tispeċifika, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, id-dettalji operazzjonali tal-bażi ta’ data dwar il-prodotti. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

4. Il-manifatturi għandhom idaħħlu fil-bażi tad-data tal-prodotti, mingħajr dewmien żejjed, l-informazzjoni elenkata fl-Anness IIIa, il-Parti 3, għal kull mudell ta’ vettura li għalih jiġu introdotti fis-suq unitajiet ġodda.

Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-informazzjoni mdaħħla fil-bażi tad-data tal-prodotti tkun korretta u akkurata, u għandhom jaġġornawha kif meħtieġ.

5. Il-manifatturi u d-distributuri ma għandhomx jipprovdu jew juru tikketti li jimitaw it-tikketta tal-vettura prevista skont dan ir-Regolament, u lanqas ma għandhom jipprovdu jew juru tikketti, marki, simboli jew skrizzjonijiet tal-vettura li ma jikkonformawx ma’ dan ir-Regolament u li x’aktarx iqarrqu jew ifixklu lill-utenti finali fir-rigward tal-elementi ta’ informazzjoni stabbiliti fl-Anness IIIa.

6. Meta fornitur ta' servizz kif imsemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2022/2065 jippermetti l-bejgħ ta' vetturi permezz tas-sit tal-internet tiegħu, dak il-fornitur ta' servizz għandu jippermetti l-wiri tat-tikketta tal-vettura skont il-paragrafu 2.

7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17 sabiex temenda r-rekwiżiti tad-data u l-parametri tad-data stabbiliti fil-Partijiet 2 u 3 tal-Anness IIIa biex tinkludi informazzjoni addizzjonali rilevanti għall-konsumaturi fil-bażi tad-data tal-prodotti, u biex tispeċifika l-metodoloġija biex jiġi ddeterminat il-parametru "magħmul(a) fl-UE".

Artikolu 15b

Obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tat-tikkettar tal-vetturi

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità tas-sorveljanza tas-suq f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1020, responsabbli għall-iżgurar tal-konformità mal-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 15a. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jirkupraw il-kostijiet tal-ispezzjoni tad-dokumenti f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-Artikoli rilevanti f'dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali u l-mekkaniżmi ta' infurzar applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar tal-vetturi u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Dawn il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u l-miżuri, u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom. "

(12) l-Artikolu 17, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Att delegat adottat skont l-Artikolu 5a(5), l-Artikolu 7(8), l-Artikolu 7a(2), l-Artikolu 10(8), l-Artikolu 11(1), ir-raba' subparagrafu, l-Artikolu 13(4), l-Artikolu 14(2), l-Artikolu 15(8) u (9), u l-Artikolu 15a(7) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni, la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill, fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li huma ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

(13) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(14) L-Anness IIIa huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Tħassir

Id-Deċiżjoni 1999/94/KE titħassar.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1(5) għandu japplika mill-1 ta' Jannar *[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal is-sena wara d-data tal-applikazzjoni tal-Omnibus awtomobilistika]*.

L-Artikolu 1(11) u l-Artikolu 2 għandhom japplikaw minn *[data 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 3
1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva 3
1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) 3
1.3. Objettiv(i) 3
1.3.1. Objettiv(i) ġenerali 3
1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi 3
1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija 3
1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni 3
1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma': 4
1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva 4
1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva 4
1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. 4
1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi 4
1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra 5
1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni 5
1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha 6
1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) 6
2. MIŻURI TA' ĠESTJONI 8
2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar 8
2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll 8
2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta 8
2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom 8
2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) 8
2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet 9
3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 10

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i 10
3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet 12
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali 12
3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat 12
3.2.1.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern 17
3.2.2. Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali 22
3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi 24
3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat 24
3.2.3.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern 24
3.2.3.3. Total tal-approprjazzjonijiet 24
3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani 25
3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat 25
3.2.4.2. Iffinanzjati minn dħul assenjat estern 26
3.2.4.3. Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani 26
3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali 28
3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali 28
3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi 28
3.3. Impatt stmat fuq id-dħul 29
4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI 29
4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali 30
4.2. Data 30
4.3. Soluzzjonijiet diġitali 31
4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà 31
4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali 32

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 u li jħassar id-Direttiva 1999/94/KE

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Politika dwar il-klima

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali

Il-proposta għandha l-għan li tipprovdi:

1) flessibbiltajiet addizzjonali għall-manifatturi biex jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero;

2) regoli aġġornati armonizzati għat-tikkettar tal-emissjonijiet tas-CO_2.

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

L-objettivi speċifiċi tal-proposta huma:

(1) li tiġi pprovduta aktar flessibbiltà għall-manifatturi biex jilħqu l-miri tagħhom tal-emissjonijiet tas-CO_2;

(2) li tittejjeb in-newtralità teknoloġika tal-istandards tal-emissjonijiet tas-CO_2;

(3) li jinżamm il-kontribut tal-istandards tas-CO_2 lejn il-miri klimatiċi stabbiliti fil-Liġi tal-UE dwar il-Klima;

(4) li jinżammu ċ-ċertezza u l-prevedibbiltà għall-manifatturi u għall-investituri fil-katina tal-valur tal-mobbiltà b'emissjonijiet żero;

(5) li tiġi introdotta informazzjoni armonizzata għall-konsumatur, inkluż għal vetturi b'emissjonijiet żero.

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

L-għażla kkombinata ppreferuta fir-rigward tal-miri u l-flessibbiltajiet tas-CO_2 ġġib benefiċċji għall-manifatturi fil-perjodu 2030–2034. Barra minn hekk, filwaqt li żżomm il-miri tal-2035 ta' 100 %, hija ttejjeb in-newtralità teknoloġika billi tirrikonoxxi rwol għall-OVC-HEV, għall-fjuwils rinnovabbli sostenibbli, u għall-azzar b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju lil hinn mill-2035. Dan se jistimula l-investimenti kontinwi u l-iżvilupp ta' teknoloġiji għajr sistemi tal-motopropulsjoni b'emissjonijiet żero, li jistgħu jkunu utli għal każijiet ta' użu speċifiku u/jew għal fażi tranżizzjonali, possibbilment jappoġġa wkoll il-kompetittività ta' xi manifatturi Ewropej fi swieq oħra. Kif muri fil-valutazzjoni, l-implikazzjonijiet enerġetiċi u klimatiċi tal-għażla ppreferuta huma limitati, b'mod partikolari minħabba s-salvagwardji integrati. Fid-dawl ta' dan, l-inizjattiva hija konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-UE għall-2050 u mal-mira klimatika għall-2030 u mal-progress fl-adattament.

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Ġew identifikati l-indikaturi li ġejjin: (valutazzjoni tal-impatt)

– L-emissjonijiet medji tas-CO_2 tal-flotta tal-UE ta' karozzi u vannijiet ġodda se jiġu mmonitorjati kull sena għal kull vettura, manifattur u Stat Membru;

– L-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-karozzi u mill-vannijiet se jiġu mmonitorjati permezz tal-inventarji annwali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Istati Membri;

– L-għadd u s-sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew b'emissjonijiet baxxi rreġistrati ġodda se jiġu mmonitorjati permezz tad-data ta' monitoraġġ annwali sottomessa mill-Istati Membri;

– Il-livell ta' impjiegi se jiġi mmonitorjat fuq il-bażi ta' statistiki disponibbli pubblikament tal-Eurostat dwar id-data tal-impjiegi settorjali għall-UE.

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

☐ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[12]

☒ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

Il-proposta emendatorja għandha l-għan li tipprovdi modalitajiet addizzjonali għall-manifatturi fir-rigward tal-konformità mal-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2, filwaqt li żżomm l-ambizzjoni ġenerali dwar il-miri ta' tnaqqis tas-CO_2 stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

It-tibdil fil-klima huwa problema transfruntiera li ma tistax tissolva b'azzjoni nazzjonali jew lokali biss. Il-koordinazzjoni tal-azzjoni klimatika trid tittieħed fil-livell Ewropew u l-azzjoni tal-UE hija ġġustifikata għal raġunijiet ta' sussidjarjetà. Minħabba l-ħtieġa li jiġi mmodifikat ir-Regolament (UE) 2019/631 billi jiġu pprovduti modalitajiet addizzjonali fir-rigward tal-konformità mal-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2, l-objettivi ta' din l-inizjattiva ma jistgħux jintlaħqu mill-Istati Membri nfushom.

[12] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Il-proposta tibni fuq leġiżlazzjoni eżistenti li żgurat tnaqqis kontinwu fl-emissjonijiet tas-CO_2 tal-flotta tal-UE ta' karozzi u vetturi kummerċjali ħfief ġodda matul l-aħħar 10 snin.

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

Ma hija meħtieġa l-ebda riżorsa addizzjonali.

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

Ma hija meħtieġa l-ebda riżorsa addizzjonali.

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

☐ **durata limitata**

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☒ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)

– ☐ lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-Fond Ewropew tal-Investiment

